TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 296/12/B

**Allison Carabott**

**vs**

**J.J. Scerri Co. Ltd.**

Illum 8 ta' Mejju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 ta' Novembru, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' erbgha mija disgha u disghin Ewro (€499.00), rapprezentanti l-prezz li hallset lis-socjeta' ntimata ghal magna tal-hasil, liema magna tal-hasil kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fl-20 ta' Dicembru 2010, hija xtrat magna tal-hasil minghand is-socjeta' ntimata, bi tliet snin garanzija. Wara sena u nofs, fis-6 ta' Lulju 2012, din il-magna tal-hasil waqfet bil-hsara. Fit-13 ta' Lulju 2012, mar it-tekniku tas-socjeta' ntimata, fejn bidlilha l-'module', pero' regghat waqfet quddiemu ezatt kif ippruvaha. It-tekniku kien qal lir-rikorrenti li ried johodha biex jittestjaha. Wara hmistax ghand is-socjeta' ntimata, regghat giet ikkonsenjata lir-rikorrenti, pero' wara zewg hasliet, bi programm qasir, regghat waqfet. Kif ir-rikorrenti cemplet lis-socjeta' ntimata, giet informata li kien ser jintbaghat tekniku ghandha, u meta mar it-tekniku huwa qal li kellu bzonn jerga' jiehu l-magna tal-hasil. F'dan l-istadju, ir-rikorrenti bdiet tilmenta li riedet magna tal-hasil gdida jew li tinghata l-flus lura.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Ir-rikorrenti ezebiet rapport tekniku datat 13 ta' Awissu 2012 u mahrug minghand is-socjeta' ntimata.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Wara kwazi sentejn li r-rikorrenti xtrat il-magna tal-hasil, din ghogbitha tiehu l-ligi b'idejha u zzomm ghandha l-magna tal-hasil tas-socjeta' ntimata, li hija kienet selfet lir-rikorrenti peress li kellha fil-pussess taghha l-magna tal-hasil l-ohra. Minnflok ma rringrazzjat lis-socjeta' ntimata ghas-servizz taghha, ir-rikorrenti ma accettatx li l-magna tal-hasil taghha tigi msewwija ghal haga semplici ta' 'electronic board', li disghin fil-mija din tmur minhabba 'electric surge'. Li kieku l-magna tal-hasil kienet difettuza, kieku zgur li f'sentejn tahdem (u verament tahdem) kienet tizviluppa xi hsara mekkankika. Il-magna tal-hasil ilha lesta mill-10 ta' Awissu, izda r-rikorrenti ma rieditx tohodha lura, u ghaldaqstant, is-socjeta' ntimata qieghda titlob l-kera ta' erbgha Ewro (€4.00) kuljum mill-10 ta' Awissu sa meta l-magna tal-hasil tigi rritornata. Is-socjeta' ntimata tigbed l-attenzjoni wkoll tal-fatt illi ma' agenti ohra, l-'electronic board' lanqas taqa' taht garanzija.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet dokumenti li gew immarkati minn Dok.AC1 sa Dok.AC4.

Xehed Joseph Carabott, imressaq mir-rikorrenti, fejn fix-xhieda guramentata tieghu, huwa kkonferma illi l-magna tal-hasil in kwistjoni ghadha ghand is-socjeta' ntimata u li l-loan magna tal-hasil ghadha ghand ir-rikorrenti.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ma jistax ma jikkummentax dwar il-fatt illi huwa deplorevoli li konsumatur jibghat oggett ghat-tiswija u fil-frattemp jibda proceduri legali kontra l-kummercjant. It-Tribunal jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta' ntimata u b'referenza specifika ghar-rapport tekniku datat 13 ta' Awissu 2012, jirrizulta ampjament car illi l-magna tal-hasil in kwistjoni ma kenitx wahda difettuza, u li l-hsara li garrbet ma kenitx wahda fejn il-magna tal-hasil tista' titqies bhala difettuza. Illi ghalhekk, u

ghal dawn ir-ragunijet, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, u jordna li r-rikorrenti taccetta u tiehu lura fil-pussess taghha l-magna tal-hasil in kwistjoni, liema magna tal-hasil ghandha tigi kkonsenjata lilha mis-socjeta' ntimata, u jordna wkoll illi fl-ambitu ta' l-imsemmija konsenja, is-socjeta' ntimata tiehu lura fil-pussess taghha l-'loan' magna tal-hasil, propjeta' taghha, bl-ispejjez tal-kawza kontra r-rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**